MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

30 ta' Novembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea - Kunsillier
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.33pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

66.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

66.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 65 ġew approvati.

## 66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 *Iffjurit bil-Ward Imfewwaħ*

Is-Sur Cordina qal li ġie avviċinat mis-Sur Paul Chetcuti sabiex terġa' ssir l-attività ifjurit bil-ward imfewwaħ. Hu propona li din issir is-Sibt u l-Ħadd, 4 u 5 ta' Mejju 2024.

L-Avukat Caruana saqsiet jekk hux qed jitlob xi fondi. Is-Sur Cordina qal li ma kienx talab flejjes imma sapport fl-attività. Qal ukoll li jekk ma jkunx hemm skemi mhux sa jintmissu l-fondi tal-Kunsill. L-Avukat Caruana irrimarkat li l-isem jagħti x'jifhem li ħa jkun hemm il-fjuri għax ħafna nies kienu qishom stennew li ħa jaraw xebgħa fjuri. Hu qal li ħa jwassal il-messaġġ.

66.3.2 *Uffiċċini tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina ta' rendikont fuq il-ħlas tad-depożitu tal-lift li sar mill-Kunsill u ġie rimborsat lill-kuntrattur. Inħarġet VAT *receipt* kif miftiehem u sar ftehim bil-miktub anka mill-kuntrattur bħalha *commitment* biex isir ix-xogħol. Is-Sur Galea reġa' saqsa fuq il-VAT u jekk il-Kunsill hux se joħodha lura. Is-Segretarju tenniet li l-VAT ma joħduhiex lura l-Kunsilli Lokali apparti li kif qal is-Sur Cordina dan il-ħlas sar mill-kuntrattur u l-VAT hi xi ħaġa tiegħu. Hu qal li l-bibien ordnati, ir-*railing* ordnat u jibqa' l-AC's wara l-lift.

66.3.3 *Info Centre*

Is-Sur Cordina li dan għall-kuntrarju x-xogħol wasal fi tmiemu. Il-lift ġie nstallat u kienet se tintefa' l-applikazzjoni tat-*three phase.* Sadannintant biex pruvaw il-lift u tkun tista' toħroġ iċ-ċertifikazzjoni il-kuntrattur iddobba d-dawl minn Roseville. Fadal il-pavimentar xi jsir u għalhekk il-ġnien se jibqa' magħluq filwaqt li x-xogħol fuq il-latrini wasal ukoll fil-konkluzjoni. L-inawgurazzjoni se ssir fi Frar.

66.3.4 *Laqgħa Triq Victor Vassallo*

Is-Sur Cordina qal li kienet laqgħa pożittiva u kordjali ħafna avolja n-nies kienu ftit irrabjati. Ħafna minnhom daħlu fuq il-personali u għalkemm is-CEO kien paċenzjuż kultant il-laqgħa bdiet tisħon ftit. Kien hemm proposta li jsir disinn mill-Perit tagħna u jinħatar Bord. Fil-fatt il-Perit Schembri qal li dan il-Bord kellu jiġi sal-ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill u li issa ma jistax ikun hemm iktar tardjar. Qal li jiddispjaċih imma la ħadd ma ġie bi tliet membri biex jiffurmaw il-Bord mal-Kunsill allura issa l-Kunsill ikompli waħdu ma' IM.

Kompla jgħid li ok ħa jsir disinn mill-Kunsill u jerġgħu jiltaqgħu. Sadaninttant li ix-xogħol hu wieqaf, qabel jitkompla se jiddiskutu wkoll is-sistemi tad-drenaġġ u l-infrastruttura tal-ilma. Dan barra sistema ta' ġbir tal-ilma tax-xita adekwata.

L-Avukat Brincat qal li meta kellu jiġi ffurmat il-Bord hu fehem li dawn kellhom ikunu tliet membri tal-Kunsill. Is-Sur Cordina qal li le qalu li kellhom ikunu residenti mal-Kunsill imma kif ġa qal ma jistgħux jiddiskutu l-personali. Is-Sur Cordina qal li kif il-Perit Markham ilesti kollox u jmorru quddiem IM u jkun hemm qbil x'għandu jsir.

L-Avukat Brincat qal il-Kunsill irid ikun kapaċi jirribatti lura fuq dak li IM ma taqbilx fuqu u li għalhekk importanti li persuni bħal Giorgio ikunu fuq il-Bord.

L-Avukat Caruana irrimarkat li mportanti li ma jintesewx il-preokkuppazzjonijiet tan-nies. Is-Sur Cordina qal li primarjament dawn huma kollha l-istess iġifieri l-ilma, id-drenaġġ il-buildouts u li hu mhux sa jmur jiddiskuti mingħajr mal-ewwel jinfurmahom fuq dak li jkun qed isegwi.

Is-Sur John Bonnici qal li aħjar jaħtru Bord issa. Dawn għandhom ikunu l-Perit Giorgio Schembri, l-Perit Neil Markham u s-Sur Cordina. Il-membru l-ieħor imbagħad jaraw qal is-Sur Bartolo wara li jitlesta r-rapport u jerġgħu jiddiskutu. Preferibbilment, kompla jgħid is-Sur Bartolo ikun hemm xi ħadd legali fuq il-Bord. Il-membri se jkunu is-Sindku, l-Perit Giorgio Schembri u l-Avukat Caruana.

## 66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

66.4.1 Avukat Caruana

- Talbet biex jiġi ċċekkjat l-arblu tad-dawl ta' wara l-Knisja għax derilha li sar ieħor maġenbu u l-antik ġie disconnected.

66.4.2 Avukat Brincat

- Saqsa meta ħa titkompla titkompla Triq il-Linja wara iktar minn sitt xhur fi trawma u anke wasal il-Milied. Din għandha titlestha sal-aħħar ta' Novembru dejjem jekk it-temp jippermetti.

66.4.3 Perit Giorgio Schembri

- Xtaq ikun jaf kif ħa jiġi mmaniġġjat ix-xogħol fuq il-briġġ, Triq Victor Vassallo u Triq il-Linja. Hu qal l-Kunsill għandu jkollu ftit informazzjoni bażika. Is-Sur Cordina qal li l-Kuntrattur kien miexi b'ritmu tajjeb sakemm ġara li ġara.

## 66.5 Rapporti:

66.5.1 **Approvazzjoni Rapport t'Aġġudikazzjoni Tenders Ġonna**

Dan ir-Rapport mill-Bord jinsab anness u ġie approvat hekk kif preżentat. It-tender ġiet rakkomandata li tingħata lill-Callus Garden Centre.

**Approvazzjoni Rapport tal-Kwart tas-Sena Lulju - Settembru 2023**

Dan ir-Rapport ġie approvat hekk kif preżentat. Is-Segretarju qalet li r-rapport juri surplus minimu imma FSI ħażin immens dovut għall-proċeduri tal-*accounting* fejn minħabba li għadhom ma daħlux il-flejjes tal-Info Centre u r-riżorsi fil-bank kienu vera baxxi minħabba dawk is-€70,000 li tnaqqsu mid-Dipartiment.

Is-Sur Victor Galea fuq il-flejjes tal-Wasteserv. Is-Segretarju spjegat li dawn qed jitħallsu skont kif jidħlu. Il-Perit Schembri saqsa jekk dak li hi spjegat fuq il-flus tar-Reġjun u dak li jidħol u jitħallas ikunx qiegħed spjegat fir-rapport. Hi qalet li dawn kollha jkunu mdaħħlin fid-*deferred income.*

## 66.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

66.6.1 **Tiġdid ta' kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff għal tliet xhur**

Dan il-kuntratt sa jiġġedded għal tliet xhur sakemm tinħareġ tender ġdid li jirregolarizza l-ammont li qed jinġabar ta' skart goff kuljum. Hi spjegat li fil-bidu tas-sena kien inħareġ tender bl-ammont ta' ġbir ta' skart goff kien 10 kuljum. Dan irdoppja bil-ġbir ta' ħaxix u tela' għal 20 kuljum. Kien inġab permess mid-Dipartiment biex dan jiġġedded għal sena u għalhekk se tinħareġ tender identiku għal dak li ħareg qabel bis-servizz mit-Tnejn sas-Sibt, mis-7am sa 5pm *unlimited items* u 20 calls per day. Saqsiet jekk għandhomx domandi iktar u huma kjarifikaw b'xi domandi. Is-Sur John Bonnici saqsa x'ma jinġabarx. Hi qalet li l-Construction Waste biss ma jinġabarx. Kulħadd qabel.

66.6.2 **Addendum Kuntratt Uffiċċini**;

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan l-Addendum qiegħed isir biss biex jibdel il-lift minn ħġieġ għal lift standard bix-xaft. Kulħadd qabel.

## 66.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

L-Avukat Caruana talbet li tara ċ-ċedola minħabba li ma kellhiex ċans taraha qabel.

66.7.1 Proponent: Remigio Bartolo Sekondant: Helen Caruana

L-iskeda ġiet approvata.

## 66.8 Mozzjonijiet; u

66.8.1 **Mozzjoni 1/2023 Ġbir ta’ Skart**

Inqrat Mozzjoni 1 mis-Sindku hekk kif annessa. Is-Sur Cordina qal li ilu jilmenta fuq is-sistema ta’ ġbir ta’ skart u ilhom 11-il xhar fuq il-problema ta’ ġbir ta’ ħġieġ u għadu ma sar xejn. Irid jiġi mħejji kalendarju u sal-ġurnata tal-lum kien għand m’hemm l-ebda risposta. Dan il-mozzjoni saret appuntu mħabba dan it-tkaxkir tas-saqajn u jekk ħadd m’għandu xi jgħid xejn jgħaddu għal vot.

L-Avukat Caruana qalet li huma diġa’ d-diskutewha din il-mozzjoni ġaladarba hemm il-firem tas-sitta li huma. Hi qalet li rathom jiġbru l-ħġieġ u l-kaxxi wkoll. Hi talbet li biex forsi jingħad lin-nies biex min joħroġ il-kaxxa jerġa’ jdaħħalha. Is-Sur Cordina qal li d-Dipartiment diġa’ qed jiddiskuti biex il-ħġieġ jinġabar l-Erbgħa u l-Ħamis jinġabar il-kartun mar-riċikklaġġ.

L-Avukat Caruana saqsiet x’inhu l-iskop tal-mozzjoni ġaladarba diġa’ qed isiru diskussjonijiet. Is-Sur Cordina qal li biex issir mozzjoni hemm għalfejn iddum sena tiddiskuti. Hu qal li qed idumu wisq u għaġġlu l-proċess ħafna biex minn Marzu s-sistema bdiet f’Jannar u kull lokalità mhix l-istess.

Hi ssuġġeriet li n-nies jiġu edukati forsi b’mailshot. Is-Sur Cordina qal li huma qed jinsistu li jinħareġ il-ħġieġ fil-kontenitur tal-plastic imma hemm riperkussjonijiet kbar għax jistgħu jinkisru l-kontenituri, jitħalltu u dan jitfa’ l-ġbir ta’ skart lura għax idumu iktar. Is-Sur Cordina qal li saru ħafna żbalji fosthom li t-trakkijiet aċċettawhom Euro 5 u saħansitra anka inqas. Hu rrimarka li l-Kunsill ta’ Ħ’Attard ried ikun pijunier u kien l-ewwel Kunsill li ntroduċa trakkijiet twin pack imbagħad id-Dipartiment baxxa l-livell u bdew jaċċettaw kollox. Semma wkoll il-fatt li t-trakkijiet għadhom bla GPS u dan donnu hu aċċettabli wkoll. Semma wkoll l-ilmenti li jidħlu kuljum li jingħaddew lill-kuntrattur li bosta drabi kompla jgħid is-Sur Bonnici hu tort tan-nies.

Il-Perit Schembri qal li filwaqt li jaqbel li għandu jkun hemm kampanji edukattivi, jaf li hemm bosta problemi oħra bħal eżempju li meta l-kartun jixxarrab ma jistax jerġa’ jidħol ġewwa, u li kaxxi jitqattaw ukoll, kif ukoll li wara li jintużaw tliet darbiet trid tintrema’. Hu qal li għandu jsir xi ħaġa b’mod kollettiv u mhux jilmenta s-Sindku biss mar-Reġjun imma jkunu 9. Dan ikun qed juri wkoll li l-Kunsill qed jinteressa ruħu u jiffaċċja dawn il-problemi. Hu qal li l-mottiv tal-mozzjoni hi li jimxu l-quddiem billi jkun hemm bil-miktub fuq karta il-problemi li l-Kunsill qed jipprova jsolvi u li mhux qed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu cioe’ l-indafa pubblika.

Is-Sur Cordina qal ukoll li ħa tinqala’ problema oħra fuq il-bring-in sites għax l-ERA qed tagħmel pressjoni fuq il-Kunsill biex jiġu nstallati 6 bins fil-lokalità. Hu qal li ħadd ma jrid inaddaf madwarhom, qed jgħidu li ħa jkun hemm *enforcement* imma jaf li mhux sa jkun possibbli li jikkontrollaw l-areas kollha. Hu qal ukoll li dawn mhu ħa jpoġġihom quddiem l-ebda residenza. Il-Perit Schembri qal li dawn jistgħu jitpoġġew ġo Ta’ Qali jekk iridu għax hemm area vasta.

Is-Sur Victor Galea qal li l-vetturi għandhom ikunu Euro 6 u mhux aċċettabli li jiġu aċċettati vetturi b’inqas minn Euro 6. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill mhux qiegħed ħażin sa barra imma mhux ħa jaċċetta iktar sitwazzjonijiet li jippersistu 11-il xhar wara li ġew introdotti. Qal li xeba jikteb lid-Direttur Chris Galea u jgħidlu 30 sena Kunsilli Lokali 30 sena tgħaddu n-nies bi żmien. Hu qal li mhux sa jiċċelebra 30 Sena Kunsilli Lokali meta spiċċaw bla poteri u customer care.

L-Avukat Caruana qalet li missu waqfulhom dak iż-żmien għax issa tard wisq. Qalet imma li tista' ssir pressjoni biex jitjieb.

Is-Sur Cordina qal li jekk titnaqqas il-borża s-sewda biex tinġabar darba biss, min m'għandux fejn iżomm l-iskart x'se jagħmel bih?

L-Avukat Caruana qalet li hi teżiġi d-dritt tagħha li tastjeni u ma hemmx bżonn mozzjoni biex titkompla ssir pressjoni biex l-affarijiet jitjiebu. Is-Sur Cordina qal li għandu jkun hemm limit kemm wieħed jista' jistenna. Anke l-fatt li wasal biex jiġi ppublikat il-kalendarju u għandhom bla risposta. Kieku mqar iddeċiedew data u jkun hemm xi tibdil ikun hemm ċans li wieħed jidra u jadatta.

Is-Sur Bonnici qal li kollox sew li qed jgħid imma saqsa kif iddiskutew tliet mozzjonijiet bejniethom mingħajr ma ġew involuti huma? Hu rribatta li ma sarux sewwa l-affarijiet. L-Avukat Caruana qalet li huma għandhom dritt jagħmlu hekk. Is-Sur Cordina qalli prinċipju tal-mozzjoni hu li għandhom ikunu kostruttivi. Fil-fatt kompla jgħid li fl-ebda ħin ma kienu partiġġjani u dejjem indirizza lid-Dipartiment u mhux lill-Ministru.

L-Avukat Caruana qalet li eżempju l-mozzjoni tal-anzjani li jkun hawn xelter qatt ma ddiskutewhom. Hi kompliet tirribatti li ma tistax tistenna vot favur jekk qatt ma ddiskutewhom għalkemm iva fil-prinċipju taqbel. Hi qalet li ma jsirux hekk l-affarijet b'mozzjoni mill-ewwel u wara li f'5 snin qas kellhom mozzjoni waħda.

IL-Perit Schembri qal li kulħadd jista' jagħmel mozzjoni u jistaw ukoll isiru f'kull laqgħa. L-Avukat Caruana qalet li veru tista' ssir mozzjoni biex tbiddel xi ħaġa imma mhux fuq xi ħaġa ineżistenti bħal tax-xelter. Hi qalet li qrathom u setgħu ħadu vot mill-ewwel. L-Avukat Brincat saqsa jekk hemmx xi ħaġa fihom li tixtieq tibdel? L-Avukat Caruana qalet li m'hemm xejn x'tibdel imma temmen fid-diskussjoni, għax eżempju tax-xelter setgħu iddiskutewhom, raw lil min ħa javviċinaw u ma kienx hemm għalfejn issir mozzjoni. Is-Sur Victor Galea qal li hi etika li qabel ma dawn saru misshom ikkoordinaw bejniethom.

L-Avukat Caruana qalet li tax-xelter tal-Anzjani kienet fil-manifest elettorali tat-2019, ma sarx forsi għad jista' jsir imma żgur ma kienx hemm għalfejn issir mozzjoni. Qalet li vera tad-daħq li f'4 snin u nofs ma saritx mozzjoni waħda imbagħad saru 3 f'daqqa u għalhekk tirriserva d-dritt li tastjeni.

Is-Sur Alex Mangion qal li jista' jinstema' partiġġjan mhux problema imma dan il-Gvern kaxkar wisq saqajh issa.

Il-Perit Schembri qal li mbotta biex isiru dawn il-mozzjonijiet u bl-ebda mod ma saru bi ħsieb partiġġjan. Fil-fatt kompla jgħid li Victor Vassallo u x-xogħolijiet kienu l-ispunt ta' mozzjoni minnhom u lest jerfa' r-responsabbiltà li din iġġorr magħha bla ebda ħsieb li jiskorja xi punti personali.

L-Avukat Caruana qalet li l-punt ħaditu, lesta li tgħin imma li tiffirma mozzjoni le.

Votazzjoni: 6 Favur 3 Astenzjonijiet

Meħuda bħalha moqrija.
Mozzjoni 2/2023 Xogħolijiet fuq toroq ġo Ħ'Attard u
Votazzjoni: 6 Favur 3 Astenzjonijiet

Mozzjoni 3/2023 Anzjani fil-Komunità ta' Ħ'Attard; u.
Votazzjoni: 6 Favur 3 Astenzjonijiet

## 66.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

66.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.58pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Diċembru 2023 fis-5.30pm

Konfermati, illum 20 ta' Diċembru 2023.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv